# GUDIKATUR: DR AUDREY J DEMICOLI LL.D.

## SEDUTA TA’ NHAR IT-TLIETA, 30 TA' JANNAR, 2001

*Avviz. Nru 1890/00 AJD*

Mirage Holdings Limited

vs

Anthony Saliba

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-17 ta' Novembru, 2000, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mija u tnejn u tmenin liri Maltin u sitta u sebghin centezmu (Lm182.76), in kwantu ghal mija u sebghin liri Maltin u sitta u sebghin centezmu (Lm170.76) import ta' sebgha (7) kambjali (Dok. 1 sa 7) u li d-data tal-maturita' taghhom skadiet u in kwantu ghal tnax il-lira Maltin (Lm12.00) imghaxijiet legali sal llum fuq l-istess ammont.
Bl-ispejjes, u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat, baqa' ma deherx u lanqas ma prezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' Dr. John Buttigieg li kkonferma li l-ammont ghadu dovut lis-socjeta' attrici. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mija u tnejnu tmenin liri Maltin u sitta u sebghin centezmu (Lm182.76) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tas-sentenza sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill- konvenut skond il-Ligi.

AV. AUDREY J. DEMICOLI
GUDIKATUR